Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2008

Numru. 24/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Cilia**
**Spettur Neville Xuereb**
v

**FRANCIS XERRI**

**Il-Qorti;**

Rat lil imputat **FRANCIS XERRI** bin Eucharist u l-mejta Klementa nee Camilleri imwieled Victoria, Ghawdex nhar l-ghoxrin ta’ Jannar 1962, u residenti Plot 17, Triq Dun Anton, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 5762G gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fit-tmienja t’Awissu 2003, u fil-jiem ta’ qabel din d-data, fil-Marsalforn Hotel, Ghawdex, u f’postijiet ohra kemm f’Ghawdex kif wkoll f’Malta, bi hsieb

li jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habbrek biex persuni ohra jidhlu jew jghamlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jghamlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-Ligijiet ta' Malta jew li sew f'Malta sew barra minn Malta, ikkongura f'dak s-sens ma xi persuna ohra.

2. Talli fit-tmienja t'Awissu 2003 u fil-jiem ta' qabel din d-data, f'diversi postijiet f'Malta u Ghawdex, assocja ruhu flimkien u/jew ma xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta, bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;

3. Talli fit-tmienja t'Awissu 2003, u fil-jiem ta' qabel din d-data, fil-Marsalforn Hotel, Ghawdex, u f'postijiet ohra kemm f'Ghawdex kif wkoll f'Malta, bla ordni skond l-ligi t'awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil persuni ohra kontra l-volunta taghhom jew ta l-post biex fih dawn il-persuni jigu arrestati, mizmuma jew issekwestrati.

4. Talli fit-tmienja t'Awissu 2003, u fil-jiem ta' qabel din d-data, fil-Marsalforn Hotel, Ghawdex, u f'postijiet ohra kemm f'Ghawdex kif wkoll f'Malta, xjentenment laqa ghandu jew gieghel lil haddiehor li jilqa ghandu persuni li kontra taghhom kien hemm ordni t'arrest ghal reat suggett ghal piena ta' prigunerija ghal aktar minn tlett xhur, inkella li l-Pulizija Ezekuttiva kienet qed tfittex sabiex tarresthom ghal dak r-reat jew li kienu harbu wara li kienu gew arrestati ghal dak r-reat;

5. Talli huwa recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena stabbilita skond l-ligi, tordna l-konfiska tal-vettura tal-ghamla Seat bin-numru ta' registrazzjoni BAE 596 li serviet jew li kienet mahsuba li sservi biex isir dan d-delitt, liema vettura giet esibita formalmalment f'dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-ewwel t’April 2005 (fol 149) sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-Qorti tiddecidi fuq il-htija li tista tinstab kontra l-istess imputat.

Semghet lil imputat jiddikjara li m’ghandux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fis-seduta tat-tnejn w ghoxrin t’Awissu 2006 (fol 197).

Rat is-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat mill-Qorti tal-Appell nhar l-hdax ta’ Jannar 1994 markata bhala Dok. Z [fol 197] u semghet lid-difiza tezenta lid-difiza fis-seduta tatr-tnejn w ghoxrin t’Awissu 2006 tiddikjara li kienet qed tezenta lil prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq lil Assistant Kummissarju Paul Debattista biex jikkonferma l-identita tal-imputat fir-rigward tal-istess sentenza (fol 197).

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputat jixhed min jeddu b’mod voluntarju u lil provi tad-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tnax ta’ Mejju 2008.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin t’Awissu 2003 **xehed l-Ispettur Neville Xuereb** [fol 20] fejn qal li wara li kienu harbu xi klandestini nhar d-dsatax ta’ Lulju 2003, fit-tmienja t’Awissu 2003, kien gie nfurmat li kienu nqabdu sitta minnhom. Qal li apparti dawn is-sitta, kien hemm wkoll nies ta’ nazzjonalita barranija wkoll li kienu hawn Malta kemm legalment kif illegalment. Spjega li fost dawn kien hemm wiehed ta’ nazzjonalita Torka bl-isem Taher Acibalik li kien Malta meta l-visa tieghu kienet skaduta w inharget fil-konfront tieghu ordni ta’ tnehhija. Zied jghid li waqt li hu kien qed ikellem lil dan t-Tork dwar il-passaport tieghu, dan urieh nota li hu esibixxa vera kopja taghha, peress li l-original jinsab esibit fil-kaz Il-Pulizija v Aslan Yelmaz, liema nota giet immarkata bhala Dok. CSH.

Qal li fuq din in-nota hemm miktub ‘Topkapi restaurant’ fejn fil-fatt sussegwentement sabu l-passaport ta’ dan it-Tork u wkoll numru ta’ karozza BAE 596.  Ix-xhud qal li meta ccekkja biex jara lil min tghajjat, irrizulta li tghajjat lil imputat.  Qal li din il-karta hu kien ghaddiha lil Ispettur Jeffrey Cilia peress li kien jaf li kienet qed issir investigazzjoni minn naha tieghu u li kienu wkoll kellmu lil klandestini li kienu harbu mid-Depot.  Qal li hu kien presenti meta dan t-Tork gie mitkellem mill-Assistant Kummissarju Cassar u s-Supretendent Pierre Calleja fejn dan t-Tork kien semma din il-vettura bhala dik li kienet hadet kemm lilu kif wkoll klandestini ohra, minn lukanda Marsalforn.  Qal li fil-fatt meta gie mistoqsi liema kienet l-lukanda, dan t-Tork kien hareg karta li esibixxa bhala Dok. CSH 1, u li fuqha hemm mitkub ‘Marsalforn Hotel, Gozo’ u spjega li dik kienet il-karozza li hadithom mill-lukanda sa xatt il-bahar Ghawdex biex minn hemmhekk gew Malta.

Zied jghid li dan t-Tork kien qal li kien ha nota ta’ din il-vettura qabel rikeb fiha ghaliex il-karozza hija vann maghluq jigifieri kienu fil-kaxxa wara.   Qal li dan t-Tork Taher Acibalik eventwalment ta x-xhieda tieghu b’urgenza fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Aslan Yelmaz qabel ma gie deportat u hu ghad ghandu n-numru tat-telefon u l-indirizz tieghu f’kaz li jkun hemm bzonn li jixhed fil-kawza odjerna.  Qal li hu kien presenti meta t-Tork Taher Acibalik kien qal quddiem l-Assistant Kummissarju w is-Supretendent li d-dghajsa li qabdu minn Ghawdex kienet hadithom Malta.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin t’Awissu 2003 **xehed s-Supretendent Pierre Calleja** [fol 24] fejn qal li ‘n segwitu ghal informazzjoni li kien ghaddilu l-Ispettur Neville Xuereb, dwar in-numru tal-vettura fejn irrizulta li kienet tghajjat lil imputat odjern, hu kien cempel l-ghassa Ghawdex u ta struzzjonijiet sabiex l-istess imputat jigi arrestat w il-vettura ‘n kwistjoni tigi elevata.  Kompla jghid li l-ghada kien gie nfurmat li ghalkemm l-imputat kien gie arrest, il-vettura tieghu kienet dakinhar stess ttiehdet ghand xi mekanik w ghalhekk ordna li din tingabar minghandu anke jekk hemm bzonn bil-*low loader*.

Qal li meta hu tkellem mat-Tork, dan kien qal li kien ghamel zmien, numru ta' granet jinzamm f'dak li hu sejjah, wara li kienu wrewh l-karta, bhala Marsalforn Hotel. Qal li dan kien qal li dik il-gurnata partikolari meta gew intercettati mill-pulizija, l-persuna li kienet inkarigata minn Marsalforn Hotel flimkien mal-imputat li gie muri lilu sussegwentement, kienu qalulu li kienu saru l-arrangamenti biex dawn jitilqu minn Malta w ghalhekk kienu saru xi arrangamenti biex l-ewwel tragitt ikun minn Ghawdex ghal Malta u sussegwentement jitharrbu minn Malta. Qal li dan l-istess Tork kien gie muri lil imputat odjern u qallu f'wiccu li kien wiehed mill-persuna li meta kien jigi mizmum fil-*guesthouse* in kwistjoni, kien anke jipprovdilu l-ikel. Qal wkoll li fit-tragitt minn Marsalforn Hotel u cioe mill-Qbajjar, l-imputat kien qalilhom biex jitbaxxew fil-vettura halli ma jarawhomx il-pulizija. Ix-xhud zied jghid li skond dan t-Tork, kien dam madwar ghoxrin jum mizmum fil-Marsalforn *guesthouse*. Ix-xhud esibixxa zewg ritratti mehudin b'*camera poloroid* li jindikaw l-Marsalforn *guesthouse* li ha hu stess flimkien mal-Ispettur Cilia li gew immarkati bhala Dok. CSH 2 u CSH 3.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin t'Awissu 2003 **xehed Safar Shishari** [fol 29] fejn qal li hu kien gie Malta mill-Libja fl-erbgha w ghoxrin ta' Settembru 2002 fi triqtu lejn l-Italja meta gie ntercettat mill-Forzi Armati ta' Malta flimkien ma immigranti llegali ohra u baqa mizmum Malta fil-Police Detention Centre minn dakinhar. Qal li darba fost l-ohrajn iddecida li jahrab minn dan il-post ta' detenzjoni, sab bieb li jaghti ghal xi mini u sussegwentement ghat-triq u harab. Qal li hadd ma kien rah jahrab. Qal li wara li harab mexa lejn l-venda tal-linja fil-Belt u meta wasal hdejn il-lukanda Phoenicia, ilataqa ma persuna jismu David li kien harab wkoll li qallu li kien jaf lil xi persuna jisimha Philip u cemplulha minn hemm.

Qal li dan Philip mar il-Floriana u rikkeb lilu flimkien ma tlett immigranti llegali ohra u hadhom f'lukanda x-Xemzija, telghu fuq u minn hin ghal iehor kienu imur jarhom f'din il-lukanda. Qal li din l-lukanda tinsab fuq t-triq principali, faccata tal-bahar. Qal li fiha damu xi gurnata u nofs u li fil-kamra li nzammu, kien hemm sodda ta' b'wiehed u sodda

ta’ bi tnejn. Zied jghid li Philip kien hadhom fil-vann w akkumpanja lilu u tlietha ohra lejn il-bahar fid-direzzjoni ta’ Ghawdex. Qal li ma hadhomx l-erbgha hemmhekk, ha biss lilu w iehor. Qal li lil dan Philip hu rah l-Kwartieri Generali tal-Pulizija u meta gie muri d-Dok. CSH 4, li hu ritratt, ix-xhud stqarr li dak hu Philip li semma.

Kompla jghid li sussegwentement, Ahmed, hu u Philip telghu fuq il-vapur t’Ghawdex u baqghu sejrin Marsalforn Hotel fejn iltaqghu ma ragel jismu Joe u l-imputat li kien qed jghinu. Qal li hemm kienu mizmuma fl-istess kamra. Zied jghid li fil-lukanda ltaqa ma tnax ohra li kienu gia hemmhekk u li maghhom kien hemm David. Qal li sussegwentement Philip mar l-lukanda, ha lit-tnax l-ohra u qal li kien ser johodhom Sqallija u li d-dghajsa ma kienetx tiflah aktar minn tnax. Qal li Philip kien qal wkoll li kien ser jirritorna ghalihom aktar tard. Qal li hu kien ra lil dawn it-tnax jidhlu fil-karozza li kienet gabet lilu minn Malta misjuqa minn Philip u li minn dakinhar lil dawn t-tnax ma rahomx aktar. Qal li wara Philip irritorna l-lukanda u qal li kien ser igib tmienja minn nies ohra u li finalment kienu ser jitilqu kollha flimkien. Qal li hu kien ta s-somma ta’ disgha mitt dollaru lil Philip.

Ix-xhud kompla jghid li damu fil-lukanda f’Marsalforn ghal aktar minn ghoxrin jum u ma hallsu lil hadd sakemm damu hemmhekk. Qal li telqu minn din il-lukanda flimkien ma tlieta ohra akkumpanjati mill-imputat, li hadhom hdejn il-bahar u damu sejrin xi nofs siegha. Qal li kienu rikbu dghajsa tat-turisti li fuqha kien hemm tlieta minn nies ohra li ma kienx jafhom, zewg nisa, ragel u huma l-erbgha.

Qal li l-imputat ma kienx mar maghhom fuq id-dghajsa. Qal li spiccaw Malta f’post li ma kienx jaf fejn sabu karozza tistennihom, li fiha kien hemm ragel isuqha u mara. Qal li matul il-vjagg, rikbu diversi nies ohra fil-karozza u spiccaw xi hmistax b’kollox inkluz xi tfal. Qal li matul l-vjagg, sakemm rikkbu nies ohra, il-mara kienet tinzel mill-karozza. Qal li meta waslu fejn kellhom jaslu, is-sewwieq ipparkja l-karozza, hareg minnha u telaq u hallihom kollha hdejn il-bahar. Qal li ma kienx jaf l-post

fejn thallew.  Qal li wara kien mar Philip u bdew jaghtuh l-flus.  Qal li hu tah disgha mitt dollaru.

Zied jghid li Philip imbaghad staqsa lil mara Torka ghal sehmu w hi irrisponditu li hi kienet lesta li taghtih sehmu appena tara d-dghajsa.  Qal li l-persuna li kienet qed takkumpanja lis-sewwieq baqghet tinsisti li kellhom ihallsu sakemm kien ghadhom fil-karozza u Philip beda jigbor il-flus minn barra l-karozza minghand kulhadd.  Qal li gabar il-flus minghand kulhadd barra l-persuna Torka u l-mara li kien hemm mas-sewwieq baqghet tinsisti li din t-Torka taghti s-sehem taghha wkoll pero din baqghet tinsisti li qabel ma tara d-dghajsa mhux ser taghtih flus.  Qal li mhux kollha hallsu l-istess ammont.  Qal li sakemm kienu kollha hemmhekk, waslu l-pulizija u gew arrestati u mehuda l-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

Qal li sakemm kienu ghadhom l-Marsalforn Hotel, kien sar jaf minghand Joe Vella li Philip kien gie arrestat mill-pulizija f'Malta peress li kien cempel xi hadd lil pulizija u qalilhom li kien qed jaghmel xi negozju konness mal-immigranti llegali.  Qal li ma kien hemm hadd meta Joe Vella qallu dan il-kliem.  Qal li waslu l-Marsalforn Hotel ghal habta tas-sitta w nofs ta' filghaxija u qatt ma hargu.  Qal li kellhom struzzjonijiet biex ihallu t-twieqi w il-bibien imsakkra biex hadd ma jsir jaf bihom.

Mistoqsi mill-Qorti minn kien qalilhom biex ihallu t-twieqi w l-bibien imsakkra, ix-xhud qal li Philip u Joe Vella kienu qalu hekk.  Mistoqsi mill-Qorti jekk qattx tkellem mal-imputat, x-xhud wiegeb fin-negattiv u zied jghid li l-imputat kien johdilhom l-ikel kultant, bhal hobz u xi ikla zghira, bhal gobon u filghaxija kien jghidilhom biex jinzlu jieklu fir-restaurant tal-istess lukanda.  Mistoqsi jekk kienx ikun hemm xi nies ohra waqt li kienu jkunu jieklu fir-restaurant, x-xhud wiegeb li kienu jkunu huma biss ghaliex kien ikun xi nofs il-lejl.

Dwar il-karozza, x-xhud qal li l-gnub taghha kienu maghluqa, fuq wara kien hemm mera u fuq quddiem miftuh.  Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk sussegswentement kienx rega' ra l-karozza ix-xhud

wiegeb li ra l-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Qal li l-persuna li hadithom mill-lukanda Marsalforn sax-xatt t'Ghawdex kienet f'kuntatt ma xi hadd iehor u s-sewwieq kien qalilhom li appena jaslu Malta kienu ser isibu dghajsa lesta tistennihom. Qal li wasslu Malta f'dghajsa tat-turisti. Qal li s-sewwieq tal-karozza ma qalilhom xejn pero n-nies li kien hemm fid-dghajsa, s-sewwieq taghha w il-mara li kien hemm mieghu, qalulhom li kien ser ikun hemm dghajsa tistennihom Malta.

Ix-xhud gie muri erbgha ritratti markati bhala Dok. NX 1 sa NX 4 w ix-xhud stqarr li dawn juru l-karozza li hadithom minn Marsalforn sal post li minnu telqu ghal Malta, juru wkoll l-lukanda fejn kienu qed joqghodu u cioe l-Marsalforn Hotel. Spjega li s-sewwieq tal-karozza u cioe l-imputat kien f'kuntatt ma nies ohra waqt l-vjagg u kien qalilhom li d-dghajsa kienet fi triqitha biex tigborhom u tohodhom Malta. Qal li sakemm kienu fil-karozza kienu nghataw struzzjonijiet biex jimteddu fuq wara. Qal li meta waslu Marsalforn Hotel l-imputat kien presenti u Joe kien hemm wkoll. Qal li damu fil-lukanda xi ghoxrin jum u kien l-imputat li kien johdilhom l-ikel, filghodu u filghaxija. Qal li d-difiza tghid sew meta tghid li l-imputat kien johdilhom l-ikel filghodu u johroghom jieklu filghaxija f'xi okkazzjonijiet. <u>Mistoqsi mid-difiza jekk hu rax lil imputat fil-lukanda Marsalforn, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf</u>. Qal li sakemm dam fil-kamra tal-lukanda qatt hadd ma talbu flus.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin t'Awissu 2003 **xehed Ahmed Mohammed Omar** [fol 33] fejn qal li hu gie Malta f'Novembru 2001 mill-Libja bl-intendiment li jmur l-Italja u spicca Malta bid-dghajsa flimkien ma persuni ohra. Qal li kien gie mizmum f'Ta' Kandia u sussegwentement f'Hal Far w aktar tard l-Kwartieri Generali tal-Pulizija m'immigranti ohra llegali. Qal li hu applika ghal stat ta' refugjat li llum il-gurnata giet rifjutata.

Spjega li nhar t-tmintax ta' Lulju 2003, xi persuni mizmuma bhalu fic-Centru ta' Detenzjoni, sabu mod kif jaharbu u hu harab maghhom u marru fid-direzzjoni tal-lukanda Phoenicia. Qal li dakinhar mieghu hemmhekk

kien hemm certu David li kien jaf lil certu Philip li aktar tard mar jigbru minn hemmhekk. Qal li hu, David u persuna ohra certu Hussien, dahlu fil-karozza u Philip saq l-imsemmija karozza lejn lukanda qrib il-bahar pero l-post fejn kien ma kienx jaf. Qal li kienu erbgha fil-lukanda u cioe hu, Hussien, certu Tarek u certu Jamal u hu qaghad hemm ghal lejl wiehed biss ghax wara telaq minn hemmhekk. Qal li Philip sussegwentement hadhom f'lukanda f'Ghawdex b'dghajsa. Meta gie muri zewg ritratti markati bhala Dok. CSH 2 u CSH 3, x-xhud qal li dawn r-ritratti juru l-lukanda li marru fiha f'Ghawdex. Meta gie muri r-ritratt Dok. CSH 4, ix-xhud qal li fih jidher l-persuna li kien ghadu kif semma fix-xhieda tieghu. Zied jghid li meta marru fil-Marsalforn Hotel, Philip ma tkellem ma hadd.

Mistoqsi mill-Qorti jekk qattx ra lil imputat presenti fl-awla, ix-xhud wiegeb li rah kemm il-darba fil-lukanda u rah wkoll meta gie migbur mill-lukanda w ittiehed b'dghajsa lejn Malta. Meta gie muri r-ritratti Dok. NX 1 sa NX 4, ix-xhud stqarr li huma ritratti tal-karozza li saq l-imputat biex hadhom mill-lukanda sa hdejn il-bahar. Qal li meta kienu fil-karozza, gew ordnati mill-imputat sabiex jimdeddu biex ma jkunux jidhru. Kompla jghid li damu fil-lukanda ghoxrin gurnata u kien l-imputat li kien johdilhom l-ikel u xi kultant persuna ohra. Qal li l-kamra fejn inzammu kellha tieqa li kienet maghluqa u li gallarija ma kellix. Qal li qatt ma ttawwlu mit-tieqa u baqghu f'din il-kamra il-hin kollu.

Mistoqsi mill-Qorti jekk tax xi flus lil imputat, x-xhud wiegeb fin-negattiv u li kien ta somma flus ta' elf u hames mitt dollaru lil Philip u dan sabiex jiehdu l-Italja u tahomlu meta kien Malta. Qal li Philip kien qalilhom li ma kienx possibbli jittiehdu lejn l-Italja minn Ghawdex u li xi hadd iehor kien ser johodhom Malta fejn kellhom jiltaqghu ma xi tmienja jew ghaxar persuni ohra u li jitilqu kollha flimkien.

Mistoqsi mill-Qorti jekk l-imputat kienx jaf li kienu sejrin Malta, ix-xhud wiegeb li kien jaf. Qal li hu gab il-karozza sabiex johodhom lejn d-dghajsa li sussegwentement kellha tohodhom Malta. Qal li l-imputat kien qalilhom li kellhom jaqbdu d-dghajsa tas-sitta w nofs ta' filghaxija.

Mistoqsi kif kellu daqshekk flus fuqu, x-xhud wiegeb li l-flus li kellu fuqu kien gabhom mieghu mill-Libja. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-flus li kellhom fuqhom kienux gew mizmuma mill-Pulizija sakemm kien mizmum fic-Centru ta' Detenzjoni, ix-xhud wiegeb li le, l-affarijiet personali taghhom kienu ghadhom ghandhom.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin t'Awissu 2003 **xehed Adam Ismael Abdalla** [fol 35] fejn qal li hu gie Malta fit-tmintax t'Ottubru 2002 mill-Libja bl-intendiment li jmur l-Italja u spicca Malta. Qal li fit-tmintax ta' Lulju 2003 ra li kien hemm x'immigranti li kienu ser jaharbu mic-Centru ta' Detenzjoni, u hu harab maghhom u marru fid-direzzjoni tal-lukanda Phoenicia fil-Floriana. Qal li persuna li harbet mieghu, certu Menhawi, cempel lil certu Philip li aktar tard mar hemmhekk. Qal li qal lil dan Philip li hu xtaq imur l-Italja u dan ha lilu u lil Menhawi f'appartament li ma kienx jaf x'jismu. Qal li dakinhar dan Philip kien gabar xi sitta u hadhom f'dan l-appartament. Zied jghid li sussegwentement dan Philip rega' mar fl-appartament, ha hamsa minnhom u halla lilu wahdu u dam hemm xi disat ijiem u wara mar ghalih b'vann li fih kien hemm xi mara ta' nazzjonalita Torka li ma kienx jaf isimha. Qal li Philip ha lilu u persuna ta' nazzjonalita Torka lejn Ghawdex b'dghajsa u minn hemm marru f'lukanda.

Meta gie muri zewg ritratti markati bhala Dok. CSH 2 u CSH 3, x-xhud qal li dawn r-ritratti juru l-lukanda li marru fiha f'Ghawdex. Meta gie muri r-ritratt Dok. CSH 4, ix-xhud qal li fih jidher l-persuna ta' Philip li kien ghadu kif semma fix-xhieda tieghu. Qal li sussegwentement marru l-Marsalforn Hotel u Philip kien qalilhom biex ma jifthux t-twieqi tal-kamra li kienu alloggjati fiha. Mistoqsi mill-Qorti kemm kien hemm nies f'din il-kamra x-xhud wiegeb li kien hemm erbgha, hu, ragel Tork u zewg persuni ohra. Qal li f'din il-lukanda dam bejn ghaxar u tnax il-gurnata.

Mistoqsi mill-Qorti jekk jafx lil imputat presenti fl-awla, ix-xhud wiegeb li qatt ma rah qabel. <u>Mistoqsi mill-Qorti min kien igib l-ikel ghalihom, ix-xhud wiegeb li hadd ma kienx igibilhom ikel ghaliex kien ikun wiehed minnhom u cioe</u>

Safar Shishari li kien johrog u jmur igib l-ikel ghal kulhadd minn barra. Qal li wara kienu mghajjta sabiex jinzlu isfel ghaliex Safar Shishari kien qalilhom li kienu sejrin lejn l-Italja. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx jaf lil dik il-pesuna li gabrithom mill-lukanda ix-xhud qal li ma kienx f’posizzjoni jghid min hu ghaliex kien liebes nuccali iswed u beritta.

Meta gie muri r-ritratti Dok. NX 1 sa NX 4, ix-xhud stqarr li fir-ritratt NX 2 tidher l-karozza ghax gharafha mill-quddiem taghha pero r-ritratti l-ohra ma setgha jghid xejn dwarhom. Qal li meta kienu fil-karozza, gew ordnati mis-sewwieq tal-karozza sabiex jimdeddu u hu fil-fatt ma setgha jiccaqlaq sew fiha. Kompla jghid li sussegwentement ittiehdu mis-sewwieq tal-karozza b’dghajsa lejn Malta fejn sabu karozza tistennihom li hadithom dawra ma Malta u matul il-vjagg, gew mghobbija persuni ohra fiha. Zied jghid li sussegwentement ittiehdu x’imkien hdejn il-bahar u sakemm kienu fil-karozza kienu gew mitluba flus ghal vjagg lejn l-Italja. Qal li hu hallas s-somma ta’ elf u hamsin dollaru lil Philip. Qal li appena waslu fejn kellhom jaslu sabu l-Pulizija jistennewhom.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin t’Awissu 2003 **xehed l-Ispettur Jeffrey Cilia** [fol 42] fejn qal li hu kien wiehed minn dawk li kienu qed jinvestigaw harba li saret minn x’immigranti llegali mid-Depot bejn s-sbatax w id-dsatax ta’ Lulju 2003. Qal li fit-tmienja t’Awissu 2003, intercettaw erbatax minn dawn l-klandestini li sitta minnhom kienu minn dawk li kienu harbu u minn informazzjoni moghtija lilhom minn dawn, saru jafu li kien hemm tlett immigranti llegali mizmuma fil-Marsalforn Guesthouse, Marsalforn. Qal li kellhom informazzjoni li meta nizlu Malta, kien hemm persuna li li hadithom b’vann u wiehed minn dan il-klandestini, qal wkoll li kien ha n-numru tal-vann li meta iccekkja fuqu rrizulta li kien tal-imputat odjern.

Qal li l-imputat gie mehud d-Depot fejn wara li gie moghti s-solita twissija fil-presenza ta’ PC 63 Joseph Farrugia l-imputat irrilaxxja stqarrija li kien ghazel li ma jiffirmax. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu, dik ta’ PC 63 Joseph Farrugia fuq l-istqarrija esibita bhala Dok. JC a fol 44, u zied jghid li l-imputat kien ghazel li jwiegeb ghal xi

domandi filwaqt li ghal ohrajn kien ghazel li ma jirrispondix.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin t’Awissu 2003 **xehed l-Assistant Kummissarju Emanuel Cassar** [fol 49] fejn qal li hu flimkien mas-Supretendent Pierre Calleja kienu qed jaraw il-harba li kienet saret mid-Depot mill-immigranti llegali. Qal li fit-tmienja t’Awissu 2003, gie nfurmat li kienu nqabdu xi nies li kienu ser jigu mahruba minn Malta u fosthom kien hemm sitta minn dawk li kienu harbu. Qal li meta kellmuhom, qalulhom li tlieta minn dawn is-sitta kienu qed jinzammu fil-Marsalforn Guesthouse f’Marsalforn. Qalulhom wkoll li min hemm kienu ingiebu Malta permezz ta’ dghajsa nhar l-Gimgha, tmienja t’Awissu filghaxija u li mill-lukanda sal-bajja tal-Qbajjar tghabbew go vann, li wiehed minnhom iddeskriva dan il-vann bhala wiehed minn dawk tal-klieb.

Ix-xhud kompla jghid li rrizulta wkoll li fost dawk in-nioes li nqabdu l-Gimgha filghaxija, kien hemm wiehed ta’ nazzjonalita Torka li rrizulta li kien Marsalforn fl-istess lukanda ma dawn t-tlieta. Qal li dan kien qalilhom li kien kiteb in-numru tal-vann fuq bicca karta liema karta tinsab esibita fl-atti bhala Dok. CSH 1. Qal li fuq dan id-dokument hemm miktub “BAE 596” u sussegwentement dan in-numru rrizulta li kien ta’ vann jappartjeni lill-imputat odjern. Qal li dan tnizzel Malta u mitkellem mis-Supretendent Pierre Calleja wara li tah is-solita twissija. Qal li l-imputat kien wiegeb kawzi ghal ebda domanda. Qal li xi hin wkoll sar konfront bejn l-imputat u dan t-Tork fejn bla dubju ta’ xejn gharfu, anzi qallu ‘thank you’. Mistoqsi jekk sar konfront bejn t-tlett immigranti l-ohra u l-imputat, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv u zied jghid li wiehed minnhom u cioe l-56DD kien gharaf lil imputat filwaqt li iehor, jew t-36 jew n-92GG kien gharaf il-vettura.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin t’Ottubru 2003 **xehed PC 63 Josef Farrugia** [fol 65] fejn wara li gie muri stqarrija esibita bhala Dok. JC rilaxxjata nhar l-erbatax t’Awissu 2003 mill-imputat odjern, ikkonferma li qabel m’ittihdet l-istess stqarrija l-imputat gie moghti s-solita twissija. Ikkonferma wkoll l-firma tieghu, dik tal-Ispettur Jeffrey

Cilia fuq kull faccata taghha filwaqt li l-imputat kien ghazel li ma jiffirmahix.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin t'Ottubru 2003 **xehed Saviour Farrugia** [fol 66] ghan-nom tad-Direttur tal-Licenzji fejn qal li minn ricerka li ghamel fuq vettura tal-ghamla Seat Serra bin-numru ta' registrazzjoni BAE 596, rrizultalu li din tghajjat lil certu Francis Xerri li joqghod Plot 17, Ta' Dun Anton HOS, Xaghra w ilha tghajjat lilu mit-tlieta ta' Gunju 1997.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 2008 **xehed l-imputat** [fol 230] fejn qal li fis-sena 2003 kien jaħdem mal-Gvern bħala *watchman* u kien jgħin lil missieru fl-għalqa.

Mistoqsi fejn hi l-*Marsalforn Hotel* wiegeb li jaf u li hija *guest house*. Qal li jaf ukoll lil min tappartjeni u lil ċertu Joe Vella. Qal li gieli mar f'din il-lukanda billi jwassal lil bintu għax-xogħol u kien jgħaddi jkellem li l certu Joe Vella peress li kien jafu qabel. Zied jghid li bintu kienet taħdem ġewwa r-*Republic Restaurant*, f'Marsalforn. Qal li l-*Marsalforn Hotel* huwa viċin dan ir-*restaurant*. Qal li gieli ta daqqa t'id lil Joe Vella waqt li kien hemm, gieli, tella' xi *fan* ġo xi kamra jew tella' xi lozor fuq il-bejt w anke gieli Joe Vella tah xi birra, però ħlas ma tahx. Ix-xhud spjega li hu kellu vann abjad Seat Ibiza, però ma kienx għadu għandu. Cahad dak li qalet il-pulizija dwaru li gieli wassal xi nies bil-vettura tiegħu ħdejn il-baħar u zied jghid li Joe Vella qatt ma talbu biex iwassallu xi nies.

Qal li fit-tmienja t'Awissu 2003 ma kienx jaf li kienu ħarbu xi nies mid-Depot, qatt ma kien jaf dak li qalet il-pulizija, li kienu qed iħarrbu n-nies minn din il-lukanda u li hu qatt ma kellu x'jaqsam ma' din l-attività. Ikkonferma li kien irrilaxxja stqarrija lill-pulizija u fiha kien qalilhom li ma kellu x'jaqsam xejn ma' dak li kienu qed jallegawlu. Qal li veru li kien hemm xi domandi u ma rrispondiex pero ma rrispondihomx għaliex beżgha li jidħol f'xi basla f'affarijiet li ma kellux x'jaqsam dwarhom.

Mistoqsi jekk kienx jaf lix-xhieda li xehdu f'dawn il-proceduri qabel wiegeb li ma kienx jafhom. Meta l-pulizija

fakkritu li tnejn mix-xhieda li tressqu l-Qorti, li huma ta' nazzjonalità barranija qalu li hu kien rikkibhom fil-vann tiegħu, qalilhom biex joqgħodu minduda, niżżilhom ix-Xatt biex jaqbdu dgħajsa biex jiġu Malta, x-xhud cahad li dan kien minnu w għalhekk il-pulizija ma kienux qalu il-verità. Qal li dawn in-nies ma kienx jafhomu li qatt ma kien rahom.

Mistoqsi jekk jafx lil Philip Azzopardi wiegeb fin-negattiv. Meta gie muri ritratt ta' dan Philip Azzopardi, liema ritratt jinsab inserit f'dawn l-atti a fol 32, bhala Dok. CSH 4, ix-xhud wiegeb li din il-persuna hu ma kienx jafha u li qatt ma kien ra lil dan ir-raġel qabel f'ħajtu.  Qal li Joe Vella qatt ma kien qallu li kien jaf li xi ħadd bl-isem ta' Philip Azzopardi.  Qal li fil-Marsalforn Hotel ġieli għadda darbtejn fil-ġimgħa u ġieli tlett darbiet sakemm kien joqghod jistenna lit-tifla tispiċċa mix-xogħol. Qal li gieli kien imur fl-għaxra ta' filgħodu u ġieli fil-ħamsa ta' wara nofsinhar u kien jagħmel hemm siegħa kollox. Qal li fil-ħinijiet ta' bil-lejl, fit-tard fil-*Marsalforn Hotel* qatt ma mar.  Kompla jghid li meta qal li kien beżgħa jidħol f'xi basla ghaliex haseb li jistgħu jikxfuh u dan billi dawk in-nies jgħidu li kien hu, meta fil-fatt ma kienx.  Qal li kien minnu li l-pulizija għamlitlu xi domandi, però ma riedtx iwieġeb biex ma jinfixilx.  Qal li bl-Ingliz ma jafx jitkellem, la bit-Tork u lanqas bl-Għarbi ghax bil-Malti biss jaf.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tiddependi principalment fuq il-kredibilita tax-xhieda u dan ghaliex filwaqt li xhud tal-prosekuzzjoni gharaf lil imputat u jghid li kien hu li pprova jharrabhom billi kien saqhom mill-lukanda sabiex jaqbdu dghajsa ghal Malta u sahansitra kien jaghtihom jieklu waqt li kienu fil-lukanda Marsalforn Hotel, l-imputat jghid li dan kollu mhux minnu u jichad kull allegazzjoni li saret fil-konfront tieghu.

Illi l-ligi taghna timponi fuq il-prosekuzzjoni l-obbligu li tipproduci l-aqwa prova biex b'hekk, il-gudikant, ikun jista jasal sal-konkluzzjoni oltre d-dubbju ragonevoli.

Dak li l-Qorti sostniet regolarment (Vide fost l-ohrajn fil-kaz **Il-Pulizija v Joseph Chetcuti** fis-sentenza moghtija nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Settembru 1987, **Il-Pulizija v Paul Bonello** moghtija nhar l-erbgha w ghoxrin t’April 1986, **Il-Pulizija v Emmanuel Galea** moghtija nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Gunju 1988 u **Il-Pulizija v Peter Abdilla** moghtija nhar t-tmienja ta’ Settembru 1990), li l-provi li trid tiddecidi fuqhom huma dawk biss li jirrizultaw fl-atti u kongetturi ta’ fatti, mhux ammessi.

Barra minn hekk, huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova li l-imputat mhux innocenti u dan trid tghamlu billi bil-provi taghha, twassal lil min irid jiddecidi, sa dak l-grad ta’ konvinciment morali, bla dubbju dettat mir-raguni.

Minn naha tal-prosekuzzjoni, allegazzjoni ta’ x’setgha gara probabbilment jew possibilment, ma jikkostitwixxi ebda prova valida.

Mill-banda l-ohra, l-imputat, prezunt innocenti, m’ghandu jipprova xejn, izda jekk ihoss li ghandu jipprova xi haga, dan jista jghamlu, anke jekk jasal sal-grad tal-probabbli.

Ma hemmx dubbju li aktar milli hga ohra, din hija kwistjoni ta’ kredibilita.  F’kaz ta’ kredibilita, li hu l-kaz in dezamina, il-Qorti trid tevalwa l-provi skond l-kriterji enunzjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f’hiex ser temmnu jew ma temmnux (Vide **Il-Pulizija v Joseph Thorne** deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta’ Lulju 2003).

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra sabiex taghmel ezami sewwa u bir-reqqa tal-provi mressqa quddiemha u dan ghaliex ghexet il-process kollha u hadet iz-zmien taghha biex tigbor u tisma viva voce il-provi kollha w ghalhekk setghet tikkontrolla il-kredibilita u veracita tax-xhieda prodotti quddiemha.

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda ai termini tal-artikolu 637(1) tal-Kap 9 u dab billi qiset l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhix mis-sewwa jew hiex konsistenti u ta' fattizzi ohra

tax-xhieda taghhom u jekk ix-xhieda kienitx imsahha minn xhieda ohra u tara c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Huwa minnu li f'kaz ta' konflitt fil-provi il-Qorti ghandha tillibera favur l-imputat pero huwa minnu wkoll kif gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Charles Ducker** u cioe:

"*Conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt; whoever has to judge may, after consideration of all the circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.*"

Huwa minnu wkoll kif hemm imnizzel fl-artikolu 638(2) tal-Kap 9 li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Gunju, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu imressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista torbot lil imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif

gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta ta' Mejju, 1961*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Busuttil**,

"*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahajr prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Il-Qorti ghalhekk ghandha taghmel apprezzament tal-fatti fl-isfond tas-suespost.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet tlett minn nies ta' sustanza sabiex tipprova tissostanzja l-akkuzi taghha u cioe lil Adam Ismael Abdalla, Ahmed Mohammed Omar u lil Safar Shishari.

Safar Shishari jghid li kien l-imputat li rikkbu flimkien ma tlieta ohra mill-Marsalforn Hotel sal-bahar, ghalkemm stqarr li qatt ma kelmu, pero kultant zmien kien johodlu l-ikel bhal xi hobza jew xi ikla zghira. Jghid li gharaf il-vettura li rrizulta li hi tal-imputat bhala dik li fiha kien riekeb. Pero meta aktar tard fl-istess xhieda, gie mistoqsi jekk rax lil imputat fil-lukanda Marsalforn, ix-xhud jghid li ma kienx jaf.

Ahmed Mohammed Omar jghid li lil impuat rah kemm il-darba fil-lukanda Marsalforn u meta gie migbur u mehud biex jiehu d-dghajsa lejn Malta. Meta gie muri r-ritratti Dok. NX1 sa NX 4, jghid li gharaf il-vettura li saq l-imputat biex hadhom mill-lukanda sa hdejn l-bahar. Jghid wkoll li meta kien fil-karozza, gie ordnat mill-imputat biex jimtedd biex ma jidhirx. Gharaf lil imputat bhala l-persuna li kienet tohdilhom l-ikel.

Adam Ismael Abdalla m'gharafx lil imputat u jsemmi persuna ohra li kien responsabbli ghal harba tieghu, lil certu Philip. Mistoqsi mill-Qorti min kien johodlu l-ikel waqt li kien fil-lukanda, x-xhud jghid li ma kienx l-imputat izda li Safar Shishari kien johrog u jmur igib l-ikel ghal kulhadd minn barra. Jghid li verament fil-karozza kien gie ordnat li jimtedd pero ma qalx li kien l-imputat li ordnalu jaghmel hekk u lanqas li kien is-sewwieq.

Naturalment, dak li qalu l-ufficcjali tal-pulizija, li qalilhom il-persuna ta’ nazzjonalita Torka, ma jikkostitwix prova w ghalhekk il-Qorti mhux ser taghti kaz dik l-parti tax-xhieda.

L-imputat jichad dak kollu li ntqal fil-konfront tieghu meta xehed viva voce l-Qorti.

Fl-ewwel lok, l-imputat huwa akkuzat bir-reat kif dispost fl-artikolu 377A tal-Kap 9, jiddisponi li huwa reat kull min bi hsieb li jaghmel xi qligh, ikun ghen, assista, ta parir jew habrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-Ligijiet ta' Malta jew li kkongura f'dak is-sens ma xi persuna ohra.

Illi dan r-reat ta' kongura huwa konsmat appena ikun hemm ftehim, mhux bhal f'kaz ta' attentat u hemm bzonn il-bidu tal-esekuzzjoni tad-delitt. Fir-reat ta' kongura, bniedem jista jinstab hati talli huwa ftiehem li jikkommetti reat.

Illi ghalhekk l-*actus reus* ta' reat ta' kongura ghandu tlett elementi:

1. il-ftehim;
2. il-patijiet tal-ftehim; u
3. is-suggett tal-ftehim.

Fil-fatt, skond l-awtur Ingliz **Blackstone** fil-ktieb ***Criminal Practice***, il-ftehim hu l-essenza tal-kongura.

Fil-fatt **G. Orchard** fl-artikolu ***Agreement in Criminal Conspiracies*** jissuggerixxi li ftehim jinkludi “*A method of minds* ".

Kif jghid il-**Professur Mamo** fin-***Noti*** tieghu [Vol 11 - pg. 5 - 6]:

*"This is not mere intention, but the announcement and acceptance of intentions."*

Huwa necessarju, kif gie ritenut fis-sentenzi Inglizi ***R v O'Brian*** [1974 3 ALL ER 663] u ***R v King*** [1966 Crim. L. R. 280] li:

*"The parties must have reached a determined conclusion and must be beyond the stage of merely considering the possibilities of committing a crime."*

Gie stabbili fis-sentenza ta' ***Scott*** [1979 - 68 CR App R 164] li:

*"Bearing a meeting of minds, the agreement has necessarily to be communicated to the party or parties. Case law has established that communication does not necessarily require a face-to-face meeting with all the participants."*

Fis-sentenza ***R v Brisac*** [1803 4 East 164 A L 171] il-Qorti rriteniet li prova tal-ezistenza ta' kongura hija generalment:

*"A method of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them."*

Dwar il-kwistjoni tas-suggett tal-ftehim, huwa necessarju li jinvolvi kummissjoni ta' *substantive offence*. Ir-reat huwa kkonsmat appena jkun hemm il-ftehim li jsir xi haga kontra l-ligi u mhux li tara dak li effettivment sehh.

Fis-sentenza ***Churchill v Walton*** [1967 - 2 AC 236 cf] il-**House of Lords**, iddefiniet il-*mens rea* tar-reat ta' kongura bhala "*an intention to be a party to an agreement to do an unlawful act*."

Fil-fatt il-**Law Commission** fir-rapport taghha ***Report on Conspiracy and Criminal Law*** No. 76 para 7.2 jiddisponi s-segwenti:

*"A person should be guilty of conspiracy if he agrees with another person that an offence shall be committed. Both must intend that any consequence specified in the*

*definition of the offence will result and both must know of the existence of any state of affairs which it is necessary for them to know in order to be aware that the course of conduct agreed upon will amount to the offence."*

Fil-fatt dan r-reat ta' kongura gie trattat mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'zewg sentenzi li nghataw recentement u cioe dik ta' **Repubblika ta' Malta v Steven John Coddrick et** deciza nhar s-sitta ta' Marzu 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Superjuri u dik ta' **Repubblika ta' Malta v Meinrad Calleja** deciza mill-istess Qorti nhar l-erbgha ta' April 2001.

Fis-sentenza ta' ***Steven John Coddrick***, li kienet tikkoncerna kongura fit-traffikar ta' drogi, l-Qorti Kriminali kienet indirizzat lil gurati biex jikkonkludu li:

*"If there is evidence which shows that agreement was put into practice, if there is evidence which shows that there was dealing in drugs in Malta, than, that is a circumstance which shows that there has been this conspiracy."*

Pero dan r-ragonament gie michud mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Superjuri meta qalet:

*"Evidence of dealing <u>is not necessarily</u> going to show that there was [previously] a conspiracy and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement."*

Ghalhekk, fil-fatt kif jghid l-**Onorevoli Tonio Borg** fis-seduta parlamentari numru 96 tas-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2001:

*"Ma hemmx ghalfejn il-Pulizija jirrekordjaw in-nies biex ikun hemm l-ftehim imma jekk mill-fatti jidher li l-ftehim sar, allura f'dak il-kaz, hemm r-reat."*

Din il-Qorti ghamlet dan l-ezercizzju peress li tali reat huwa wiehed gdid u ma tantx hemm gursiprudenza dwaru.

Illi d-difiza tghid li dan r-reat ma jissustix kemm ghaliex ma jirrizulta li l-impuat ippartecipa fil-ftehim, la fil-pattijiet tal-ftehim u lanqas fis-suggett tal-ftehim. Illi l-prova mressqa mill-prosekuzzjoni hija konfliggenti u ghaldaqstant, titfa dubbju f'mohh il-gudikant.

Issa, fit-tieni lok, il-prosekuzzjoni akkuzat lil imputat bir-reat t'assoccjazzjoni kif kontemplat fl-atikolu 48A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif moghti mill-Avukat Generali fl-artikoli tieghu.

Illi peress li din il-Qorti mhux qed issib lil imputat hati tar-reat kif kontemplat fl-artikolu 377A tal-Kap 9, dan r-reat ma jistax jirrizulta.

Fit-tielet lok, l-impuat gie akkuzat bir-reat ta' sekwestru ta' persuni gewwa l-lukanda Marsalforn Hotel.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat huwa l-proprjetarju tal-lukanda w in oltre, ma jirrizultax lanqas li x-xhieda li xehdu kienu msakkra. Fil-fatt wiehed mix-xhieda jghid li meta ried kien johrog u jmur igib l-ikel. Jirrizulta anzi li l-klandestini inzammi fil-lukanda skond l-volunta taghhom ghaliex riedu jaharbu minn Malta w ghalhekk zgur ma kienux sekwestrati ai termini tal-artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat gie wkoll akkuzat talli xjentement laqa ghandu jew gieghel lil haddiehor jilqa ghandu persuni li kontra taghhom kien hemm xi ordni t'arrest ghal reat suggett ghal piena ta' prigunerija.

Illi mill-provi prodotti, zgur li ma jirrizultax li fost x-xhieda li xehdu kien hemm xi ordni t'arrest u lanqas ma jirrizulta li kien l-imputat li qal lil klandestini jibqghu hawn peress li kontra taghhom kien hemm xi ordni t'arrest.

L-imputat huwa akkuzat wkoll talli huwa recidiv pero peress li l-akkuzi kollha ma gewx ippruvati b'mod sodisfacenti, din il-Qorti ma tistax issibu hati talli huwa recidiv.

In oltre, jigi rilevat wkoll li l-prosekuzzjoni lanqas ma ressqet lil xi ufficcjal jixhed u jikkonferma li kontra l-imputat inghataw xi sentenzi mill-Qorti ghaliex fil-fatt lanqas sentenzi fil-konfront tieghu ma gew esibiti.

**Ghaldaqstant l-Qorti** wara li rat l-artikolu 337A, 48A, 86, 87, 158, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ma ssibx lil imputat FRANCIS XERRI hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minnn kull imputazzjoni u htija.**

**Stante li l-Qorti mhux qed issib lil imputat hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, mhux ser tilqa t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, tikkonfiska tal-vettura tal-ghamla Seat bin-numru ta' registrazzjoni BAE 596 esibita formalmalment f'dawn il-proceduri.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------